MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 419/2009

**Three Eight Nine Ltd.**

**Vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Naxxar**

## Il-Qorti,

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjetà Three Eight Nine Ltd. fit-2 ta' Novembru 2009 permezz ta' liema titlob li s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' erbat elef hames mija sitta u tmenin Euro (€4,586.00) rapprezentanti l-valur ta' tqeghid ta' *rubber shock pad* gewwa n-Naxxar *playing field* ordnat mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar, bl-ispejjez kontra is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali konvenut;

Rat ir-Risposta tal-Kunsill konvenut permezz ta' liema jeccepixxi li t-talba tas-socjetà attrici ghandha tigi

michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) ix-xoghol esegwit mis-socjetà attrici fit-tqeghid ta' *rubber mat* gewwa l-*playing field* Toni Vella, Labour Avenue, Naxxar, ma twahhalx sew u m'huwiex adattat ghal post fejn gie installat u dan ghax mhux maghmul mis-socjetà attrici skond is-sengha u l-arti; u (ii) il-materjal uzat kien difettuz minhabba *thermal behaviour* fin-natura tal-materjal, u dan kif jidher mir-rapport imhejji mill-Perit Pierre Poulton fil-21 ta' April 2007, kopja annessa mar-Risposta u markata Dok. "A";

Rat is-sentenza pronuncjata fil-5 ta' Marzu 2012[1] bis-sahha ta' liema filwaqt li giet michuda t-tieni eccezzjoni sollevata mill-Kunsill konvenut u giet milqugha in parte l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill, giet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza dwar it-talba ghall-hlas da parte tas-socjetà attrici bir-riserva li jkun hemm decizjoni definittiva dwar it-talba attrici wara li tigi likwidata minn Perit Tekniku mahtur mill-Qorti, dik is-somma li, fid-dawl tad-difetti li rrizultaw fir-*rubber shock pad* provduta w installata mis-socjetà attrici fil-*playing field* Toni Vella, Labour Avenue, Naxxar, ghandha titnaqqas mis-somma ta' €4,586 pretiza mis-socjetà attrici;

Rat li bis-sahha ta' l-imsemmija sentenza tal-5 ta' Marzu 2012 gie nominat il-Perit Alan Saliba ghall-fini li jaccedi fil-*playing field* Toni Vella, Labour Avenue, Naxxar, biex jistabilixxi xi proporzjoni mix-xoghol totali jirrapprezentaw l-ghoxrin maduma li skond il-Perit Pierre Poulton baqghu mhux sodisfacenti ghalih u ghall-Kunsill konvenut, u biex konsegwentement jillikwida dik is-somma li ghandha titnaqqas mill-ammont ta' €4,586 pretiz mis-socjetà attrici;

Rat ir-Rapport tal-Perit Alan Saliba pprezentat fis-16 ta' April 2012 u minnu mahluf fl-4 ta' Gunju 2012[2];

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol. 42 sa' 49 tal-process.
[2] Fol. 54 sa' 66 tal-process.

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li l-Kunsill konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €4,586.00, rapprezentanti l-valur ta' tqeghid ta' *rubber shock pad* gewwa l-*playing field* Toni Vella, Labour Avenue, Naxxar, ordnat mill-istess Kunsill. Il-Kunsill konvenut min-naha tieghu laqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet li: (i) ix-xoghol esegwit mis-socjetà attrici fit-tqeghid ta' *rubber mat* in kwistjoni ma twahhalx sew u m'huwiex adattat ghal post fejn gie installat u dan ghax mhux maghmul mis-socjetà attrici skond is-sengha u l-arti; u (ii) il-materjal uzat kien difettuz minhabba *thermal behaviour* fin-natura tal-materjal, u dan kif jidher mir-rapport imhejji mill-Perit Pierre Poulton fil-21 ta' April 2007, Dok. "A" a fol. 10 tal-process.

Bis-sentenza pronuncjata fil-5 ta' Marzu 2012 giet michuda t-tieni eccezzjoni sollevata mill-Kunsill konvenut u giet milqugha in parte l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill konvenut u dana billi gie determinat li l-problemi riskontrati fir-*rubber shock pad* in kwistjoni ma humiex rizultat ta' materjal difettuz, izda rizultat ta' tqeghid ta' l-istess *rubber shock pad* li ma sarx skond is-sengha u l-arti. F'dik is-sentenza gie osservat ukoll li ghalkemm gew riskontrati difetti fil-mod kif ir-*rubber shock pad* provdut mis-socjetà attrici gie minnha installat fil-*playing field* tan-Naxxar, irrizulta li s-socjetà attrici ma tistax titqies bhala inadempjenti u b'hekk mhux intitolata ghal ebda hlas, izda xorta tibqa' obbligata jew li tirripara u taghmel tajjeb ghad-difett fix-xoghol taghha jew li taccetta riduzzjoni fil-valur tax-xoghol minnha esegwit.

Kif jirrizulta mill-istess sentenza l-Qorti eskludiet l-alternattiva tar-riparazzjoni tad-difetti u dana peress illi ma hijiex fattibbli in kwantu r-*rubber shock pad* in kwistjoni issa ilu installat u b'hekk utilizzat ghal kwazi hames snin shah u fi kwalunkwe kaz il-Kunsill konvenut difficilment ikun dispost jaccetta kwalunkwe tip ta' xoghol rimedjali u riparatorju li tista' tesegwixxi s-socjetà attrici meta l-Perit tal-Kunsill jibqa' bir-riservi tieghu dwar il-materjal in kwistjoni, u minflok waslet ghall-konkluzzjoni li *l-unika soluzzjoni gusta ghall-vertenza odjerna hi dik li s-socjetà attrici taccetta riduzzjoni fis-somma minnha pretiza bhala*

*hlas ghall-materjal provdut u installat fil-playing field tan-Naxxar fuq inkarigu tal-Kunsill konvenut*.

F’dan ir-rigward però gie osservat li *ma jirrizultax b’mod sodisfacenti b’kemm ghandha titnaqqas is-somma pretiza mis-socjetà attrici minhabba d-difetti fir-rubber shock pad in kwistjoni u dana ghaliex ma gietx prodotta prova konkreta dwar kemm kejl minn din ir-rubber shock pad baqa’ mhux sodisfacenti ghall-Kunsill konvenut. L-unika prova li tressqet f’dan ir-rigward hija x-xhieda tal-Perit Pierre Poulton li minnha però jirrizulta biss is-segwenti: x-xoghol finali li fl-opinjoni tieghi baqa’ mhux sodisfacenti kien madwar xi ghoxrin maduma minn dan it-tapit tal-lastiku però rrid nghid li dawn il-partijiet ta’ dan it-tapit mhumiex standard size ghalkemm qed tintuza l-kelma maduma. Hemm partijiet fejn huma kbar u hemm partijiet ohra fejn huma zghar ghax kellhom jinqatghu biex jiffittjaw.*

Ghall-fini li jigi stabbilit l-ammont li ghandu jitnaqqas mis-somma pretiza mis-socjetà attrici ghar-*rubber shock pad* provdut u installat fil-*playing field* tan-Naxxar fid-dawl tad-difetti riskontrati fir-rizultat ahhari tax-xoghol taghha, il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza dwar it-talba attrici w innominat lill-Perit Alan Saliba sabiex jaccedi fil-*playing field* Toni Vella, Labour Avenue, Naxxar, biex jistabilixxi xi proporzjoni mix-xoghol totali jirrapprezentaw l-ghoxrin maduma li skond il-Perit Pierre Poulton baqghu mhux sodisfacenti ghalih u ghall-Kunsill konvenut, u konsegwentement jillikwida dik is-somma li ghandha titnaqqas mill-ammont ta’ €4,586 pretiza mis-socjetà attrici.

Ghaldaqstant, b’din is-sentenza ghandu jigi determinat u stabbilit l-ammont effettivament dovut mill-Kunsill konvenut lis-socjetà attrici ghar-*rubber shock pad* minnha provdut u installat fil-*playing field* Toni Vella, Labour Avenue, Naxxar.

Wara li acceda fil-*playing field* in kwistjoni u ghamel il-konstatazzjonijiet necessarji il-Perit Tekniku *inter alia* kkunsidra li: (i) *it-talba tas-socjetà attrici fl-ammont ta’*

*€4,586 tirrapprezenta l-valur ta' tqeghid ta' rubber shock pad fil-playing field 'Toni Vella' li jinsab f'Labour Avenue, Naxxar, vicin l-ufficcji tal-Kunsill Lokali konvenut. Dan l-ammont jirrapprezenta t-tqeghid ta' 415 metri kwadri bir-rata ta' Lm4.75 kull metru kwadru inkluz il-VAT (415m.kw. x Lm4.75 = Lm1,971.25 / 0.4293 = €4,591.78). Ghalhekk, sabiex wiehed jasal ghal ammont fi tnaqqis, ghandu jigi l-ewwel stabbilit il-kejl f'metri kwadri tax-xoghol li baqa' mhux sodisfacenti. … Sabiex jigi stabbilit il-kejl tal-'ghoxrin maduma' kif pronunzjati mill-Perit Pierre Poulton – meta r-rubber shock pad li fil-kwistjoni tikkonsisti fi twapet twal li fihom wisgha ta' 1.2 metri – minghajr ma jigu trattati l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali konvenut billi dwarhom gia gie provvedut fis-sentenza preliminari, l-esponent jaghmel dawn il-konsiderazzjonijiet: (1) Illi din ir-rubber shock pad ila nstallata minn Marzu 2007, cioè hames snin qabel inzamm l-access mill-esponent Perit Tekniku; (2) Il-kejl approssimattiv tal-partijiet mit-twapet li dehru difettuzi waqt l-access mizmum mill-esponent Perit Tekniku fit-02 ta' April 2012 huwa ta' 32 metri kwadri (18 metri kwardi ghall-parti li tidher fuq Dok. 'ASP' ritratti 01/02, 13 metri kwadri ghall-parti li tidher fuq Dok. 'ASP' ritratt 03 u metru kwadru ghall-parti li tidher fuq Dok. 'ASP' ritratt 04). (3) Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut din l-Onorabbli Qorti pprovdiet illi "d-difetti li rrizultaw fir-rubber shock pad m'humiex tali li, kif eccepit mill-Kunsill konvenut bl-ewwel eccezzjoni tieghu, jirrendu l-istess rubber shock pad mhux addattata ghall-post fejn giet installata." (4) Illi fis-sentenza parzjali ta' din l-Onorabbli cahdet it-tieni eccezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut* u kkonkluda li *tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet, l-esponent jasal biex jikkonkludi li "l-ghoxrin maduma" imsemmija mill-Perit tal-Kunsill Lokali konvenut Pierre Poulton, jirrapprezentaw kejl ta' ghoxrin metri kwadri (20m.kw.) mill-kejl totali ta' erba' mija u hmistax metri kwadri (415m.kw.) u konsegwentament jillikwida s-somma li ghandha titnaqqas mill-ammont ta' erbat elef, hames mija u sitta u tmenin Euro (€4,586) pretiza mis-socjetà attrici fl-ammont ta'* ***mitejn wiehed u ghoxrin Euro (€221 = 20/415 x €4,586)****.*

Mir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku ghalhekk jirrizulta li fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami l-ammont li ghandu jitnaqqas mis-somma pretiza mis-socjetà attrici huwa ta’ €221, bil-konsegwenza li l-hlas dovut mill-Kunsill konvenut lis-socjetà attrici ghar-*rubber shock pad* provdut u installat minnha fil-*playing filed* Toni Vella, Labour Avenue, Naxxar, huwa ta’ **€4,365.00**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ €4,365.00 u tikkundanna lis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar ihallsu lis-socjetà attrici l-imsemmija somma ta’ €4,365.00, bl-imghax legali dekoribbli mit-12 ta’ Novembru 2009, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur lill-Kunsill konvenut, sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-proceduri jibqghu a karigu tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------